Il-Kummissjoni Ewropea

# BAĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR

#EUBudget #EURoad2Sibiu #FutureofEurope

2 ta' Mejju 2018

# ID-DIFIŻA

## GĦALIEX DIN HIJA PRIJORITÀ?

F'dinja fejn l-instabbiltà ġeopolitika fil-viċinat tagħna qegħda dejjem tiżdied, jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tieħu responsabbiltà akbar biex tiddefendi u tipproteġi ċ-ċittadini tagħha, kif ukoll il-valuri u l-istil ta' ħajja tagħhom. Filwaqt li l-Ewropa ma tistax tissostitwixxi l-isforzi tal-Istati Membri fil-qasam tad-difiża, tista' tinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni tagħhom biex tiżviluppa t-teknoloġiji u t-tagħmir meħtieġa biex jindirizzaw l-isfidi ta' difiża u ta' sigurtà komuni. L-Unjoni Ewropea qed iżżid il-kontribut tagħha għas-sigurtà u d-difiża kollettivi tal-Ewropa, billi qed taħdem mill-qrib mas-sħab tagħha, l-ewwel mal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (in-NATO).

## DAN XI JFISSER F'TERMINI FINANZJARJI?

Il-Kummissjoni tipproponi li baġit ta' **EUR 13-il biljun** (għal perjodu ta' seba' snin) jiġi ddedikat għall-**Fond Ewropew għad-Difiża**. Dan l-ammont ipoġġi lill-UE fost l-akbar erba' investituri fir-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża fl-Ewropa.

### Baġit dedikat għall-Fond Ewropew għad-Difiża

**EUR 4.1 biljun** f'finanzjament għal riċerka kollaborattiva dwar id-difiża biex tittratta t-theddid emerġenti u futur għas-sigurtà

**EUR 8.9 biljun** għall-kofinanzjament ta' proġetti kollaborattivi dwar l-iżvilupp tal-kapaċitajiet nazzjonali




### Qabża ta' kwalità fis-sigurtà u d-difiża




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea




## X’HEMM ĠDID FIL-PROPOSTI TAL-KUMMISSJONI?

Il-Kummissjoni tipproponi **Fond Ewropew għad-Difiża** biex tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iffrankar tal-ispejjeż fost l-Istati Membri fil-produzzjoni ta’ teknoloġija u tagħmir tad-difiża tal-ogħla livell u interoperabbli. Dan l-appoġġ għall-partijiet taċ-ċiklu tal-ħajja li jirrigwardaw ir-riċerka u l-iżvilupp se jiżgura li r-riżultati tar-riċerka ma jintilfux minħabba n-nuqqas ta’ finanzjament biex it-teknoloġija tkompli tiġi żviluppata u ttestjata. Dan ukoll jevita d-duplikazzjoni, jippermetti ekonomiji ta’ skala u jwassal għal użu aktar effiċjenti ta’ flus il-kontribwenti. Il-fond se jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta’ intrapriżi żgħar u medji fi proġetti kollaborattivi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-Unjoni ssaħħaħ l-infrastrutturi strateġiċi tat-trasport tagħha biex dawn isiru tajbin għall-mobilità militari. Se jiġi allokat baġit dedikat ta’ EUR 6.5 biljun fil-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa**.

## IL-BAĠIT TAL-UE FUTUR B’LIEMA MOD IEĦOR SE JAGĦMEL DIFFERENZA F’DAN IL-QASAM?

- L-ispinta li se tingħata lill-effikaċja tal-kooperazzjoni permezz tal-programm ta’ riċerka u innovazzjoni Orizzont Ewropa, se tiżgura li r-riżultati tar-riċerka ċivili jkunu jistgħu jibbenefikaw minnhom il-kapaċitajiet tad-difiża u viċi versa. Dan se jgħin biex tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn.
- Dan jiggarantixxi li jkun hemm rabtiet mill-qrib bejn il-Fond Ewropew għad-Difiża u l-proġetti implimentati fil-qafas tal-**Kooperazzjoni Strutturata Permanenti** fil-qasam tad-difiża (Permanent Structured Cooperation, PESCO). Jekk ikunu eliġibbli, il-proġetti tal-PESCO se jirċievu kofinanzjament addizzjonali (30 % pjuttost milli 20 %), iżda l-finanzjament mhuwiex esklużiv jew awtomatiku.
- Sostenn lil attivitajiet oħra relatati mad-difiża permezz tal-**Faċilità Ewropea għall-Paċi**, strument estern għall-baġit propost barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Il-faċilità se jkollha l-għan li żżid is-sostenn tal-UE għall-operazzjonijiet ta’ paċi minn terzi madwar id-dinja; l-ispejjeż komuni tal-missjonijiet militari tal-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni (issa koperti mill-mekkaniżmu Athena); azzjonijiet usa’ mmirati biex jappoġġaw lill-forzi armati ta’ pajjiżi mhux tal-UE b’infrastruttura, tagħmir u provvisti jew assistenza teknika militari.

## IL-PASSI LI JMISS

| Data | Avveniment |
| --- | --- |
| 02/05 2018 | **Pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal wara l-2020** |
| 13/06 2018 | **Proposti leġiżlattivi settorjali għall-programmi ta' nfiq** |
| 28-29/ 06/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 12/09 2018 | **Id-diskors tal-President Juncker dwar l-Istat tal-Unjoni** |
| 18-19/ 10/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 13-14/ 12/2018 | Il-Kunsill Ewropew |
| 21-22/ 03/2019 | Il-Kunsill Ewropew |
| 09/05 2019 | Is-Summit ta' Sibiu |

Print ISBN 978-92-79-85052-3 doi:10.2775/52817 NA-04-18-352-MT-C
PDF ISBN 978-92-79-85058-5 doi:10.2775/176851 NA-04-18-352-MT-N